MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 152/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Carmela Fenech abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Carmela Fenech (ID 707852M)**

**Vs**

**Francica Maurizio**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm312.72 (tlett mija u tnax-il Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-17 ta' Jannar 2004 gewwa San Giljan.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ tliet mija u tnax-il Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm312.72) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Carmela Fenech assigurata tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ tnejn u sittin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm62.72), is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250.00) l-istess Carmela Fenech in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Jannar 2004 ghall-habta tal-10:00am gewwa Triq il-Bahar l-Iswed, San Giljan, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attrici Carmela Fenech, bin-numru ta’ registrazzjoni GAT 574 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni BBM 874, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ 22 ta’ Ottubru 2004 u ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Middlesea Insurance plc (polza konkluza tramite Allcare Insurance Agency Limited), u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru 2004 kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet tal-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-habta odjerna ssuccediet f'post ferm antipatku bit-triq minn fejn kienet gejja l-karozza attrici bil-karozzi pparkjati fuq ix-xellug allura ma kienx hemm spazju hafna fuq in-naha l-ohra. Il-vettura konvenuta kienet gejja minn triq faccata taghha pero` fuq il-perpendikular u mhux fuq it-transversali. It-tnejn riedu jduru kontra xulxin.

Minn fejn kienu gejjin it-toroq kif gia inghad ma kienux komodi hafna. Jirrizulta lit-Tribunal illi z-zewg xufiera meta gew biex jiksru l-kisra kontra xulxin u jghaddu minn hdejn xulxin f'direzzjoni opposta, hadd minnhom ma waqaf la biex jesplora t-triq u wisq anqas biex jara jekk hux gejjin xi vetturi ohra. Izda t-tnejn li huma ghamlu manuvra wahda u komplew iduru.

Il-konvenut da parti tieghu jallega li meta ra li habtu huwa nizel mill-karozza, s-sewwieqa tal-vettura attrici allegat mieghu li kien tort taghha, kienet qed tilbes is-safety belt u ma kenitx qed taghti kaz. Kienet ghadha kemm hierga mill-garage xi hmistax-il metru (15m) boghod. Pero` dan kollu ma jirrizulta minn imkien fir-rapport tal-pulizija a tempo vergine.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li ghall-istess incident iz-zewg xufiera ghandhom jinzammu ugwalment responsabbli billi t-tnejn li huma naqsu li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet necessarji meta gew biex jimmanuvraw f'kisra.

Illi l-kwantum tad-danni ma giex indikat u hamsin fil-mija (50%) tieghu jammonta ghal mija u sitta u hamsin lira u sitta u tletin centezmu (Lm156.36).

Jiddeciedi ghalhekk illi flok li jsib lix-xufiera ugwalment responsabbli ghall-istess incident, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u sitta u hamsin lira u sitta u tletin centezmu (Lm156.36), bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------